7 ta' Ġunju, 1952.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Domenico Savasta**

**Kaptan — Haddiema tal-Port — Kwerela — Rinunzja — "Enabling Law" — Fattorija — Vapur — "Dock Safety Regulations, 1951" — Nullità — Art. 2 tal-Kap. 169— Notifikazzjoni tal-Gvern no. 157 ta' l-1951.**

*Skond il-liġijiet marittimi tal-pajjiżi ċivilizzati kollha, il-kaptan huwa fid-dmir li jaċċerta ruħu li l-attrezzi li jkun hemm abbord huma tajbin għall-użu li għalih ikunu intiżi, b'mod li ma ssirx ħsara lill-persuni minħabba li dawk l-attrezzi jkunu inefficjenti jew difettużi. U dana l-obbligu tal-kaptan ma jiġix nieqes billi l-ħaddiema li jkunu jaħdmu abbord biex ikottu l-merkanzija ma jkunux imqabbdin minnu, imma jkunu mposti minn Regolamenti, jew anki jkunu ġew inkarikati minn noleġġjatur.*

*Jekk reat ikun persekwibbli bi kwerela tal-parti, isir persekwibbli "ex officio" jekk ikun akkompanjat minn reat ieħor li jinteressa l-ordni pubbliku, u anki jekk il-parti offiża teżerċita l-azzjoni u ma tkunx irrinunzjat espressament għaliha żmien erbat ijiem mill-kommissjoni tar-reat. Il-persekwibilità "ex officio" ma tingħax jekk għar-reat l-ieħor ta' azzjoni publika ma kienx hemm kundanna; u allura r-reat ma jistax jiġi rinunzjat mill-parti leża.*

*Regolamenti publikati bis-saħħa ta' "enabling law" ma jistgħux imorru lil hemm mis-setgħat mogħtija mill-"enabling law" stess.*

*Il-poter li għandu l-Gvernatur li jiddikjara bħala "factory" ċerti postijiet ma hux illimitato, jiġifieri li huwa ma jistax jiddikjara bħala "factory" kwalunkwe post; imma huwa limitat fis-sens li huwa jista' jiddikjara bħala fattorija kwalunkwe "premises" jew "open air space".*

*Vapur ma hux "premises" u lanqas "open air space"; u għalhekk bis-saħħa tal-liġi li tagħtih dak il-poter, il-Gvernatur ma jistax jiddikjara fattorija vapur bħala fattorija għall-finijiet ta' dik il-liġi.*

*Konsegwentement, ir-Regolamenti maħruġa mill-Gvernatur fis-sena 1951 ("Dock Safety Regulations"), li bihom il-Gvernatur estenda*

*għall-capuri d-definizzjoni ta' "premises" huma "pro tanto" nulli, għax "ultra vires".*

Dan hu appell ta' l-imputat, flimkien ma' appell tal-Prosekuzzjoni, kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-1 ta' Frar 1952, li biha l-imputat ġie misjub ħati ħalli b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, waqt li l-merkanzija kienet tinħatt mill-iskuna li tagħha hu kaptan, ikkaġuna ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Nazzarenu Delmar, u kkundannatu għall-piena ta' £5, u ġie liberat mill-imputazzjoni li kiser id-"Dock Safety Regulations 1951" billi ma kellux ċertifikat rigward il-"lifting machinery" u aċċessorji oħra waqt ix-xogħol ta' tagħbija u ħatt tal-makkinarju;

Trattati ż-żewġ appelli, din il-Qorti kkunsidrat;

Fuq l-appell ta' l-imputat mill-kundanna fuq imsemmija;

Il-fatti huma kif miġjuba fis-sentenza appellata. Jirriżulta mix-xhieda ta' l-espert Bezzina, mhux inficjata bl-ebda prova kuntrarja, illi Delmar ġie ferut bħala konsegwenza tal-fatt li l-ħabel tal-wire li kien iżomm id-"derrick" ma' l-arblu nqata' "għax kien logorat";

Skond il-liġijiet marittimi tal-pajjiżi ċivilizzati kollha, il-kaptan hu fid-dmir li jaċċerta ruħu li l-attrezzi li jkun hemm abbord huma tajbin għall-użu li għalihom ikunu intiżi, b'mod li ma ssirx ħsara lill-persuni minħabba li dawk l-attrezzi jkunu ineffiċjenti jew difettużi;

L-imputat ma ppruvax li hu ħa l-kura meħtieġa, għaliex kieku ħa din il-kura, sija personalment sija per mezz ta' wieħed mill-ekwipaġġ, kif jippretendi bil-produzzjoni tax-xhud Ferrara, kienu jindunaw b'dak li ġie konstatat mill-espert; u del resto, lanqas hemm bżonn tkun espert biex tinduna li ħabel ta' wire hu mikul u għalhekk suġġett li jinqata'. Anzi mix-xhieda tiegħu jirriżulta li kien hemm fattur ieħor li kien imissu impona diliġenza fi grad akbar fuq l-imputat, ċjoè illi, peress li l-iskuna ma kienetx attrakkata mal-moll, id-"derrick" seta' jieħu tixjira mal-ġenb, u b'hekk li 'strain' fuqu tkun akbar, u konsegwentement jinqata' aktar malajr, jekk ikun, kif kien, logorat. L-imputat jammetti wkoll li huwa kien fid-dover li jispezzjona dan l-attrezz, għax hu stess qal,

fil-kors tax-xhieda tiegħu, li hemm bżonn li l-wire jiġi eża-minat, kif qal hu, "per non ammazzare noi stessi";

Intqal mid-difensur li l-ħaddiema tal-port ma humiex inkarikati mill-kaptan. Dan ma jfisser xejn, għaliex l-istess jsoqa' li dawn il-ħaddiema kienu sejrin jużaw l-attrezzi ta' abbord li, għall-istat tagħhom, huwa responsabili l-kaptan. Dan apparti mill-fatt li l-kaptan huwa dejjem tenut li jis-sorvelja x-xogħol, avvolja l-ħaddiema jkunu imposti mir-re-golamenti, jew, sija pure, ikunu inkarikati minn noleġġjatur (ara prinċipji esposti fil-ktieb "Shipowners and Masters", 1948 edition, Helman, p. 192-193);

F'din is-sede ta' l-appell intervjena fattur ġdid; ċjoè Delmar iddikjara li jaħfer lill-imputat. Id-Difiża ssottomet-tiet għalhekk li l-azzjoni issa saret improċedibili kwantu għal din l-imputazzjoni;

Is-sentenza ċitata mid-Difiża, "Pulizija vs. Salv. Curmi", deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 1952, ma tgħoddx għall-każ, għax fiha hemm imsemmi l-prinċipju tas-separabi-lità jew le tar-reat skond jekk hemmx konnessjoni aċċidentali jew naturali — liema pont ma għandux x'jaqsam ma' dan il-każ;

Issa, hu veru li r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni huwa persekwibili bi kwerela tal-parti, imma f'dan il-każ sar persekwibili "ex officio" (a) għax kien akkompanjat minn reat ieħor li jinteressa l-ordni publiku, u (b) għax il-parti offiża (Delmar) eżerċitat l-azzjoni u ma rrinunzjatx espres-sament għaliha żmien erbat ijiem mill-kummissjoni tar-reat. Il-persekwibilità "ex officio" ma tonqosx jekk, għar-reat l-ieħor ta' azzjoni publika ma kienx hemm kundanna (ara Appell Kriminali "Pulizija vs. Baldacchino", 17. 2. 45);

Issa, jekk ir-reat kien għal dawn ir-raġunijiet persekwi-bili mill-Pulizija, allura ma jistax issa jiġi rinunzjat mill-parti leża (ara sent. "Rex. vs. Fiteni", 27. 10. 1903, Imħallef Dr. Debono, u "Pulizija vs. Baldacchino" supra);

Għalhekk is-sentenza dwar l-ewwel imputazzjoni hija sewwa, u għandha tibqa' sseħħ;

Fuq l-appell tal-Prosekuzzjoni;

L-Ewwel Qorti eskludiet l-imputazzjoni għaliex irriteniet li r-regolamenti li in bażi tagħhom ġiet formulata t-tieni im-

putazzjoni huma "ultra vires" in kwantu jirrigwardaw din it-tieni imputazzjoni, peress li jeċċedu l-limiti tas-setgħat mogħtija lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur" bl-"enabling law";

Il-punt hu dan. Il-Factories Ordinance ta' l-1940 (Kap. 169), wara li ddefiniet fl-art. 2 il-kelma "Factory", għaddiet biex tgħid, fl-istess artikolu, illi "The expression 'factory' also includes such premises or open air spaces as are declared by the Governor-in-Council to be factories to which this Ordinance applies". Bil-Government Notice no. 175 ta' l-1951, il-Gvernatur iddikjara li huma "factories" il-vapuri kollha li jkunu Malta jew fl-ibħra territorjali ta' Malta waqt ix-xogħol ta' tagħbija, ħatt, eċċ. Il-Maġistrat irritjena li l-estensjoni li għamel il-Gvernatur tal-kelma "factory", b'mod li inkluda anki l-vapuri, kienet "ultra vires";

Hu paċifiku li regolament publikat bis-saħħa ta' "enabling law" ma jistax imur lil hemm mis-setgħat mogħtija mill-"enabling law" stess — prinċipju li għandu jiġi ġelożament tutelat, għax inkella l-Poter Leġislativ jgħaddi mill-korp leġislativ u jiġi mogħti lill-Poter Eżekutiv, bi ħsara ta' prinċipji kostituzzjonali fondamentali;

Hu ċert li l-art. 2 fuq imsemmi ma tax lill-Gvernatur setgħa illimitata li jiddikjara "factory" kwalunkwe post, imma biss "premises or open air spaces". Is-setgħa tiegħu hi, għalhekk, ċirkoskritta b'din il-limitazzjoni — jeħtieġ li l-post li jiġi dikjarat "factory" ikun "premises or open air space";

Issa, il-Prosekuzzjoni qiegħda ssostni li vapur huwa "premises", u ċċitat tliet deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi, peress li l-Liġi Maltija hi mudellata fuq dik Ingliża;

Il-Qorti kellha okkażjoni teżamina r-"report" ta' dawn id-deċiżjonijiet, u fil-fehma tagħha ma jwasslux, kif tgħid il-Prosekuzzjoni, għall-interpretazzjoni minnha mogħtija;

Kwantu għad-deċiżjoni "Andrews v. Andrews", ċitata fin-nota fol. 33 tergo, Law Reports, K.B., Div. 1908, p. 567, l-Imħallef Buckley ma żiedx (kif hemm erroneament fin-nota) il-kliem "or a ship or anything of that kind", imma anzi qal biss illi l-kelma "premises" "implies some definite place with metes and bounds, say land, or land with buildings upon it". Tant li l-Imħallef Kennedy, li tkellem warajh, qal :— "I do

not quite accept my brother Buckley's view about premises being necessarily confined to land. There are cases which *indicate that "premises" may have a wider meaning*";

Ma jistax jingħad li b'dawn il-kliem ta' l-aħħar ġie stabbilit li l-kelma "premises" tinkludi wkoll vapur; intqal biss li jista' jkun hemm każijiet li fihom il-kelma "jista' " jkollha dak is-sinifikat;

In kwantu għad-deċiżjoni l-oħra "Dittmar vs. Owners of Ship V. 593", K.B. Law Reports. p. 389, li kellha fattezzi speċjali, il-Master of the Rolls Cozens-Hardy qal biss li "it has been held by this Court that a vessel may be (mhux "is") premises within s. 4 sub-s. 4; ma indika l-ebda deċiżjoni;

Aktarx *li hu kien qed jirriferixxi* għad-deċiżjoni msemmija fin-nota tal-Prosekuzzjoni, fol. 33 tergo, ċjoè "Beacon Life and Fires Assurance Co. vs. Gibb"; għax fid-diskussjoni li saret quddiem l-Imħallef Cozens-Hardy l-avukati kienu għamlu riferenza għal dak il-każ. Iżda dan kien każ *li fih* il-kelma "premises" ġiet interpretata b'riferenza għall-kliem użati fil-"policy" ta' "fire insurance" ta' vapur, u kwindi s-sinifikat tal-kelma "premises" kien iggvernat minn dawk il-kliem. *Infatti l-Qorti, f'dik is-sentenza, qalet illi l-kelma* "premises" "in popular language is applied to buildings, but in legal language means the subject previously expressed": ċjoè, fil-polza ssemma qabel "vapur", *u kwindi* l-kelma "premises" fis-sinifikat tagħha oriġinali ("preceding") ġiet interpretata bħala riferibili għall-kelma "vapur", **iżda mhux li** dejjem tfisser "vapur";

Kif wieħed jista' jara, ma hemm xejn li jawtorizza li jingħad li l-Qrati Ngliżi, fl-interpretazzjoni tagħhom tal-liġi li fuqha ġiet mudellata l-Liġi Maltija, stabbilew li l-kelma "premises" *tinkludi* "vapur". Tutt'al più dik il-kelma tista', f'ċerti *każijiet*, bħalma kienet il-kawża tal-"fire insurance policy", tfisser anki vapur;

Issa ngħaddu għall-pożizzjoni hawn Malta, għaliex din hija liġi għal Malta, u kwindi għandha tiġi nterpretata *konformement* għaċ-ċirkustanzi ta' Malta;

1. Fit-test malti tal-liġi (Kap. 169) il-kelma "premises" hija miġjuba bil-kelma "fond". Issa, hu nnegabbli li l-kelma "*fond*", *fis-sinifikat tagħha komuni*, u anki *legali*, ma *tista'*

qatt, bl-ebda sforz, tiġi estiża li tfisser vapur. L-Avukat tal-Kuruna osserva li skond il-liġi, ossija l-Karta Kostituzzjonali Maltija, għandu jipprevali t-test ingliż. Dan hu veru; imma lanqas għandu jintnesa li l-verżjoni maltija ma hijiex traduzzjoni, imma, in forza ta' l-istess Karta Kostituzzjonali, hija test daqs kemm hija l-verżjoni ngliża; u għalhekk ma jistax wieħed iqiegħed loġikament apparti l-kelma tat-test malti meta jiġi biex japprezza l-portata tal-kelma "premises"; molto più li l-liġi hija ntiża għal Malta, fejn hemm prinċipalment nies li jitkellmu bil-Malti, u li jifhmu dik il-liġi, li jistgħu jiġu "in urto" magħha, skond il-lingwa tagħhom;

2. Mhux biss il-kelma "fond", imma anka l-kelma "premises", għandha bħala sinifikat "komuni u solitu" tagħha "lands", u mhux vapur. Jekk wieħed jara s-sunti tad-deċiżjonijiet riportati fil-"Words and Phrases Judicially Defined" ta' Burrows, Vol. 4, p. 322 et seq., għandu jsib illi l-kelma "premises" hi komunement riferita għall-"lands". Fost dawn id-deċiżjonijiet hemm waħda mogħtija mic-Chief Justice of Australia, Higinbotham, in Mowling v. Hawthorn, 1891, li fiha jingħad :— "The word 'premises' includes at Common Law houses or lands, the definition being probably derived from reference to lands or houses recited in deeds and grants as being sold or conveyed, and afterwards referred to in the conveyance or deed of grant as premises". Għalhekk għandu jiġi attribwit għall-kelma "premises", jew għall-kelma "fond", is-sinifikat komuni. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerċ Maltija in re "Balbi vs. Smith", 18 ta' Jannar 1902, "alle parole della legge, salve disposizioni in contrario, non si può attribuire altro senso che quello voluto dall'uso generale e da tutti inteso";

3. Kien ikun kuntrarju għall-prinċipju fundamentali tad-dritt kieku fil-liġi kriminali, applikabbli għal Malta, u bħala tali hi ta' natura odjuża, jiġi mpurtat bħala ta' applikazzjoni ġenerali sens speċjali u eċċezzjonali ta' kelma ngliża, aċċennat biss f'sentenzi ta' Qrati Ngliżi f'każijiet li jkollhom fattezzi speċjali. Mentri hu prinċipju ġust u san tal-ġurisprudenza maltija illi "le azioni penali sono odiose e non ammettono alcuna interpretazione estensiva, ma restrittiva" (ara Deċiż

App., Pres. Sir Ant. Micallef, "Smith vs. Krabb", 24. 3. 1873);

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni illi meta, bil-G.N. fuq imsemmija, il-Gvernatur inkluda vapur bħala "factory", sar "pro tanto" regolament "ultra vires"; għax skond l-"enabling law", l-estensjoni ma setgħetx issir ħlief dejjem fil-limiti ta' dak li hu "premises" jew "open space"; u vapur ma hux "premises";

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi;

Billi tiċħad tant l-appell tal-Prosekuzzjoni kemm ukoll dak ta' l-imputat, u tikkonferma "in toto" s-sentenza appellata.